SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

29 ta' Marzu 2012*

"Ambjent — Regolament (KE) Nru 1013/2006 — Artikolu 18(1) u (4) — Vjeġġi ta' ċertu skart — Artikolu 3(2) — Informazzjoni obbligatorja — Identità tal-produttur tal-iskart — Nuqqas ta' indikazzjoni min-negozjant intermedjarju — Protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali"

Fil-Kawża C-1/11,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Verwaltungsgericht Mainz (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Novembru 2010, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-3 ta' Jannar 2011, fil-proċedura

**Interseroh Scrap and Metals Trading GmbH**

vs

**Sonderabfall-Management-Gesellschaft Rheinland-Pfalz mbH (SAM),**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot, President tal-Awla, A. Prechal, K. Schiemann (Relatur), L. Bay Larsen u C. Toader, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,

Reġistratur: A. Impellizzeri, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-26 ta' Ottubru 2011,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Interseroh Scrap and Metals Trading GmbH, minn A. Oexle, avukat,

— għal Sonderabfall-Management-Gesellschaft Rheinland-Pfalz mbH (SAM), minn C. v. der Lühe, avukat,

— għall-Gvern Belġjan, minn M. Jacobs u T. Materne, bħala aġenti,

— għall-Gvern Awstrijak, minn C. Pesendorfer, bħala aġent,

— għall-Gvern Portugiż, minn L. Fernandes u M. João Lois, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn G. Wilms u A. Marghelis, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-8 ta' Diċembru 2011,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-14 ta' Ġunju 2006, dwar vjeġġi ta' skart (ĠU L 190, p. 1), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 308/2009, tal-15 ta' April 2009 (ĠU L 97, p. 8, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1013/2006").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' rikors ippreżentat minn Interseroh Scrap and Metals Trading GmbH (iktar 'il quddiem "Interseroh"), speċjalizzata fil-kummerċ ta' skart ta' ħadid u ta' metall, kontra Sonderabfall-Management-Gesellschaft Rheinland-Pfalz mbH (SAM) (iktar 'il quddiem "SAM"), inkarigata mil-Land ta' Rheinland Pfalz, b'mod partikolari mis-sorveljanza ta' flussi ta' skart speċjali f'din il-Land, dwar indikazzjonijiet li għandhom jingħataw fid-dokument li jinsab fl-Anness VII tar-Regolament Nru 1013/2006 (iktar 'il quddiem id-"dokument ta' vjeġġ").

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 Il-premessa 7 tar-Regolament Nru 1013/2006 tfakkar li huwa importanti li jiġu organizzati u rregolati s-sorveljanza u l-kontroll ta' vjeġġ ta' skart b'mod li jittieħed kont tal-ħtieġa li jiġu ppreżervati, protetti u mtejba l-kwalità tal-ambjent u s-saħħa tal-bniedem u b'mod li tiġi promossa applikazzjoni iktar uniformi tal-imsemmi regolament fl-Unjoni Ewropea kollha.

4 Skont il-premessa 15 tar-Regolament Nru 1013/2006, għandu jiġi żgurat livell minimu ta' sorveljanza u kontroll għal dak li jikkonċerna l-vjeġġ ta' skart elenkati fl-Annessi III, III A jew III B ta' dan ir-regolament u intiżi sabiex jiġu rkuprati, billi jinħtieġ li tali vjeġġi jkunu akkumpanjati minn ċerta informazzjoni.

5 Skont l-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 1013/2006, dan tal-aħħar jistabbilixxi l-proċeduri u s-sistemi ta' kontroll għall-vjeġġi tal-iskart, skont l-oriġini, id-destinazzjoni u r-rotta tal-vjeġġ, it-tip ta' skart ittrasportat u t-tip ta' trattament li għandu jiġi applikat fuq l-iskart fid-destinazzjoni tiegħu.

6 Mill-Artikolu 3(2)(a) tar-Regolament Nru 1013/2006 jirriżulta li l-vjeġġi tal-iskart intiżi għall-irkupru elenkati fl-Anness III jew III B ta' dan ir-regolament għandhom ikunu suġġetti għar-rekwiżiti ġenerali ta' informazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 18 tal-imsemmi regolament, jekk il-kwantità tal-iskart ittrasportat tkun ikbar minn 20 kilogrammi.

7 L-Anness III tar-Regolament Nru 1013/2006 jinkludi, taħt is-sub-titolu "Skart elenkat bħala "Aħdar"), b'mod partikolari l-iskart elenkat fl-Anness IX tal-Konvenzjoni dwar il-kontroll tal-movimenti li jaqsmu l-fruntieri tal-iskart ta' riskju u d-disponiment minnhom, li ġiet iffirmata f'Basel fit-22 ta' Marzu 1989, u approvata f'isem il-Komunità permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/98/KEE, tal-1 ta' Frar 1993 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 18, p. 304, iktar 'il qudiem il-"Konvenzjoni ta' Basel").

8 L-Anness IX tal-Konvenzjoni ta' Basel jispeċifika li l-iskart li jinsab f'dan l-anness bħala prinċipju ma huwiex kopert mill-Artikolu 1(1)(a) ta' din il-konvenzjoni, u għaldaqstant ma jitqiesx bħala prinċipju bħala "skart perikoluż" skont l-imsemmija konvenzjoni.

9 Taħt il-Kodiċi B 1010, fl-imsemmi Anness IX tal-Konvenzjoni ta' Basel il-"Metall u skart ta' liga tal-metall f'forma metallika, mhux dispersibbli", b'mod partikolari ruttam tal-ħadid u tal-azzar, tal-krom, tar-ram, tan-nikel, tal-aluminju, taż-żingu u tal-landa.

10 L-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1013/2006, bit-titolu "Ċerta informazzjoni rekwiżita ma' l-iskart", jipprovdi li:

"1. Dak l-iskart kif imsemmi fl-Artikolu 3(2) u (4) li huwa previst se jiġi trasportat għandu jkun suġġett għar-rekwiżiti proċedurali li ġejjin:

a) Bil-għan li tiġi faċilitata s-sorveljanza tal-progress fuq ir-rotta tal-vjeġġi ta' tali skart, il-persuna taħt il-ġurisdizzjoni tal-pajjiz tad-dispaċċ [ta' spedizzjoni] li torganizza l-vjeġġ għandu jiżgura li l-iskart huwa akkumpanjat mid-dokument li jinsab fl-Anness VII.

b) Id-dokument li jinsab fl-Anness VII għandu jiġi ffirmat mill-persuna li torganizza l-vjeġġ qabel ma jsir l-vjeġġ u għandu jiġi ffirmat mill-impjant ta' rkupru jew mil-laboratorju u d-destinatarju meta l-iskart in kwistjoni ikun riċevut.

2. Il-kuntratt imsemmi fl-Anness VII bejn il-persuna li torganizza il-vjeġġ u d-destinatarju għall-irkupru ta' l-iskart għandu jkun effettiv meta jibda l-vjeġġ u għandu jinkludi l-obbligu, fejn il-vjeġġ ta' l-iskart jew l-irkupru tiegħu ma jistax jitkompla kif maħsub jew fejn dan ikun sar bħala vjeġġ illegali, tal-persuna li organizzat il-vjeġġ jew, fejn dik il-persuna mhijiex f'pożizzjoni li tkompli l-vjeġġ ta' l-iskart jew l-irkupru tiegħu (per eżempju hija falluta), tad-destinatarju, li:

a) jieħu lura l-iskart jew jiżgura l-irkupru tiegħu b'mod alternattiv, u

b) jipprovdi, jekk meħtieġ, għad-depożitu temporanju tiegħu.

Il-persuna li torganizza l-vjeġġ jew id-destinatarju għandhom jipprovdu kopja tal-kuntratt fuq talba ta' l-awtorità kompetenti konċernata.

3. Għall-finijiet ta' spezzjoni, infurzar, ippjanar u statistika, l-Istati Membri jistgħu, skond il-liġi nazzjonali, jitolbu l-informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1 dwar vjeġġi koperti minn dan l-Artikolu.

4. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi trattata bħala konfidenzjali fejn dan ikun meħtieġ mil-liġi tal-Komunità u nazzjonali."

11 L-Artikolu 20(2) tar-Regolament Nru 1013/2006 jimponi b'mod partikolari lill-organizzatur u lid-destinatarju tal-vjeġġ li jżommu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 18(1) tal-imsemmi regolament għal tal-inqas tliet snin mid-data tal-bidu tal-vjeġġ.

12 Id-dokument tal-vjeġġ li jinsab fl-Anness VII tar-Regolament Nru 1013/2006 huwa kif ġej:

ANNESS VII

**INFORMAZZJONI LI TAKKUMPANJA VJEĠĠI TA' SKART KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 3 (2) U (4)**

**Informazzjoni dwar il-Konsenja (1)**

| | |
|---|---|
| **1. Min jorganizza l-vjeġġ:**<br>Isem:<br>Indirizz:<br>Persuna li tista' tiġi kuntattjata:<br>Tel: Fax:<br>E-mail: | **2. Importatur/Destinatarju**<br>Isem:<br>Indirizz:<br>Persuna li tista' tiġi kuntattjata:<br>Tel.: Fax:<br>E-mail: |
| **3. Kwantità attwali :** **kg:** **litru:** | **4. Data attwali tal-vjeġġ:** |

| | | |
|---|---|---|
| **5.(a) L-1 Trasportatur (2):**<br>Isem:<br>Indirizz:<br>Persuna li tista' tiġi kuntattjata:<br>Tel.:<br>Fax:<br>E-mail:<br>Mezzi tat-trasport:<br>Data tat-trasferiment:<br>Firma: | **5.(b) It-2 Trasportatur:**<br>Isem:<br>Indirizz:<br>Persuna li tista' tiġi kuntattjata:<br>Tel.:<br>Fax:<br>E-mail:<br>Mezzi tat-trasport:<br>Data tat-trasferiment:<br>Firma: | **5.(c) It-3 Trasportatur:**<br>Isem:<br>Indirizz:<br>Persuna li tista' tiġi kuntattjata:<br>Tel.:<br>Fax:<br>E-mail:<br>Mezzi tat-trasport:<br>Data tat-trasferiment:<br>Firma: |

| | |
|---|---|
| **6. Ġeneratur ta' l-iskart** *(3):*<br>**Produttur(i) Oriġinali , produttur(i) ġdid/ġodda jew kollettur:**<br>Isem:<br>Indirizz:<br>Persuna li tista' tiġi kuntattjata:<br>Tel.: Fax:<br>E-mail: | **8. Operazzjoni ta' rkupru (jew jekk ikun il-każ, operazzjoni tar-Rimi fil-każ ta' skart imsemmi fl-Artikolu 3(4)):**<br>Kodiċi R / Kodiċi D:<br><br>**9. Deskrizzjoni użwali ta' l-iskart:** |
| **7. Impjant ta' Rkupru** ☐ **Laboratorju** ☐<br>Isem:<br>Indirizz:<br>Persuna li tista' tiġi kuntattjata:<br>Tel.: Fax:<br>E-mail: | **10. Identifikazzjoni ta' l-iskart** *(imla l-kodiċi relevanti):*<br>(i) Anness ta' Basel IX :<br>(ii)OECD (jekk differenti minn (i)):<br>(iii) Lista tal-KE ta' l-iskart:<br>(iv) Kodiċi nazzjonali: |

**11. Pajjiżi/Stati konċernati:**

| Esportazzjoni/Dispaċċ | Tranżitu | | | Importazzjoni/Destinazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |

**12. Dikjarazzjoni tal-persuna li torganizza l-vjeġġ:** Jiena niċċertifika li sa fejn naf jiena l-informazzjoni hawn fuq hija kompluta u korretta. Jiena niċċertifika wkoll li ġew assunti obbligazzjonijiet kuntrattwali bil-miktub mad-destinatarju *(mhux meħtieġ fil-każ ta' skart imsemmi fl-Artikolu 3(4)):*

Isem: Data: Firma:

**13. Firma tad-destinatarju malli jiġi riċevut l-iskart:**

Isem: Data: Firma:

**SABIEX JIMTELA MILL-IMPJANT TA' l-IRKUPRU JEW MILL-LABORATORJU**

**14. Vjeġġ riċevut fl-impjant ta' rkupru** ☐ **jew il-laboratorju** ☐ Kwantità rċevuta : kg: litru:

Isem: Data: Firma:

(1) Informazzjoni li takkumpanja vjeġġi ta' skart elenkat bħala "aħdar" u destinat għall-irkupru jew skart destinat għall-analiżi fil-laboratorju skond ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006

(2) Jekk aktar minn 3 trasportaturi, ehmeż l-informazzjoni kif meħtieġ fil-blokki 5 (a, b, ċ).

(3) Meta l-persuna li torganizza l-vjeġġ mhijiex il-produttur jew il-kollettur, għandha tingħata l-informazzjoni dwar il-produttur jew il-kollettur

*Id-dritt nazzjonali*

13 Skont l-informazzjoni mogħtija lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-Verwaltungsgericht Mainz, il-Liġi Fundamentali tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja (Grundgesetz für die Bundesrepublik Deutschland, iktar 'il quddiem il-"Liġi fundamentali") tiggarantixxi l-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12 tagħha, dwar l-eżerċizzju liberu ta' attività professjonali, u

l-Artikolu 14 tagħha, dwar id-dritt ta' proprjetà. Skont il-ġurisprudenza tal-Bundesverfassungsgericht (il-Qorti Kostituzzjonali) is-sorsi ta' provvista ta' impriża jikkostitwixxu barra minn hekk sigrieti kummerċjali li jaqgħu taħt il-protezzjoni ta' dawn id-drittijiet fundamentali.

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

14 Interseroh hija sussidjarja tal-kumpannija Interseroh SE, waħda mill-impriżi l-iktar importanti tal-Ewropa li tispeċjalizza fil-ġbir, fl-ipproċessar u fil-kummerċ ta' materja prima sekondarja, jiġifieri r-ruttam tal-metall, l-iskart tal-karti, l-iskart tal-plastik u l-iskart tal-injam. Interseroh SE timpjega madwar 2 000 impjegat f'madwar mitt sit imxerda fi tlettax-il pajjiż.

15 Interseroh tiżgura, bħala negozjant, il-kunsinna tal-kwantità kollha ordnata ta' skart tal-metall ta' diversi kwalitajiet lill-klijenti tagħha, li huma fabbriki tal-azzar, funderiji u fabbriki tal-metall.

16 F'dan il-kuntest, Interseroh teżerċita l-attivitajiet tagħha esklużivament bħala "negozjant intermedjarju" ("Streckenhändlerin"). Il-karatteristika ta' din il-forma partikolari ta' negozju hija li n-negozjant jixtri l-merkanzija mingħand il-produttur jew mingħand il-kollettur u jbigħha mingħajr ma huwa stess ma jieħu pussess fiżiku tal-merkanzija. Relazzjonijiet kuntrattwali huma stabbiliti biss bejn, minn naħa, in-negozjant u l-produttur u, min-naħa l-oħra, in-negozjant u d-destinatarju.

17 It-tipi ta' metalli nnegozjati minn Interseroh huma kkunsidrati bħala "skart" li jaqa' taħt il-Kodiċi B 1010 tal-Konvenzjoni ta' Basel li jinsab fl-Anness IX ta' din il-konvenzjoni, u konsegwentement fil-lista "aħdar [ħadra]" tal-iskart elenkat fl-Anness III tar-Regolament Nru 1013/2006. Il-vjeġġ transkonfinali tagħhom kien, konsegwentement, suġġett għal rekwiżiti ta' informazzjoni previsti fl-Artikolu 18 ta' dan ir-regolament.

18 Skont SAM, il-persuna li torganizza l-vjeġġ, f'dan il-każ Interseroh, hija meħtieġa, skont l-Artikolu 18(1)(a) tar-Regolament Nru 1013/2006 tiżgura li l-iskart ikun akkumpanjat mid-dokument ta' vjeġġ matul il-vjeġġ tiegħu. Skont l-Artikoli 18(1)(b) u 20(2) tar-Regolament Nru 1013/2006, l-imsemmi dokument għandu jkun iffirmat u miżmum għal tal-inqas tliet snin mid-destinatarju tal-kunsinna.

19 Konsegwenza prattika ta' din l-interpretazzjoni hija li negozjant fis-sitwazzjoni ta' Interseroh huwa obbligat, fid-dawl tad-dettalji li għandhom jiġu pprovduti fit-Taqsima 6 ta' dan id-dokument, li jiżvela lill-klijenti tiegħu s-sorsi tiegħu ta' provvista, u konsegwentement l-imsemmija klijenti għandhom il-possibbiltà li jikkuntattjaw direttament lill-produttur jew lill-kollettur tal-iskart, u li ma jużawx is-servizzi tan-negozjant intermedjarju meta jikkonkludu l-kuntratti sussegwenti.

20 Interseroh tqis li l-obbligu li tiżvela lill-klijenti tagħha s-sorsi ta' provvista tagħha jikser id-dritt tagħha għall-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħha u jostakola b'mod serju l-eżerċizzju tal-attivitajiet ekonomiċi tagħha ta' negozjant intermedjarju. Barra minn hekk, dan l-obbligu jikkawżalha dannu patrimonjali peress li l-informazzjoni li tikkonċerna s-sorsi ta' provvista tagħha tikkostitwixxi parti sostanzjali mill-konoxxenza tan-negozju tagħha u mill-valur tal-impriża tagħha. Fl-aħħar nett, Interseroh diġà tilfet numru ta' klijenti minħabba l-obbligu li tiżvela s-sorsi ta' provvista tagħha.

21 Minħabba f'hekk, Interseroh iddeċidiet li tindika lilha nnifisha bħala l-produttur jew il-kollettur fit-Taqsima 6 tad-dokument ta' vjeġġ, jew li ma timliex din il-parti, u għamlet dan fil-kuntest ta' diversi vjeġġi tal-iskart. Peress li, l-identità tal-produttur jew tal-kollettur reali kienet tirriżulta mid-dokumenti ta' kunsinna u tal-użin li għandhom ukoll jakkumpanjaw il-vjeġġ ta' skart u li għandhom jiġu ppreżentati fil-każ ta' kontroll, proċeduri ta' kontravenzjoni nbdew kontra l-amministratur ta' Interseroh minħabba d-differenza manifesta bejn, minn naħa, id-dokumenti ta' kunsinna u tal-użin u, min-naħa l-oħra, it-Taqsima 6 tad-dokument ta' vjeġġ.

22 Dan kien il-każ, b'mod partikolari, waqt kontroll ta' vettura fuq l-awtostrada A3 qrib Montabaur, fis-7 ta' Mejju 2009. B'deċiżjoni tal-5 ta' Awwissu 2009, SAM imponiet, għaldaqstant, fuq l-amministratur ta' Interseroh multa ta' EUR 150. Wara lment kontra din id-deċiżjoni, il-proċeduri huma attwalment pendenti quddiem l-iStaatsanwaltschaft Mainz (Ministeru Pubbliku ta' Mainz).

23 Konsegwentement, fit-18 ta' Diċembru 2009, Interseroh ippreżentat rikors quddiem il-qorti tar-rinviju sabiex jiġi kkonstatat li, bħala negozjant intermedjarju, hija ma kinitix meħtieġa ssemmi l-identità tal-produttur tal-iskart fit-Taqsima 6 tad-dokument ta' vjeġġ.

24 Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li t-trattament kunfidenzjalità tal-informazzjoni dwar il-produttur tal-iskart hija bħala prinċipju imposta mil-Liġi fundamentali, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 12 u 14 tagħha moqrija flimkien, peress li huwa ġeneralment aċċettat li s-sorsi ta' provvista ta' kumpannija jikkostitwixxu sigrieti kummerċjali li jifformaw parti mill-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

25 Huma f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Verwaltunsgericht Mainz iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 18(4) tar-[Regolament Nru 1013/2006] japplika wkoll għall-persuni li jipparteċipaw fl-operazzjoni ta' ġarr [vjeġġ]?

2) Fil-każ ta' risposta negattiva, id-dritt Komunitarju primarju jillimita l-portata tal-Artikolu 18(1) tal-imsemmi regolament għall-finijiet tal-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali?

3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, l-Artikolu 18(4) tal-imsemmi regolament jillimita, għall-finijiet tal-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali, l-obbligu li għandhom taħt l-Artikolu 18(1) persuni li jorganizzaw il-ġarr [vjeġġ] li jikkomunikaw ukoll lid-destinatarju tal-iskart l-identità tal-produttur jew tal-kollettur tal-iskart permezz tad-dokument inkluż fl-Anness VII?

4) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għat-tielet domanda: il-portata tal-limitazzjoni tiddependi fuq l-ibbilanċjar tal-interessi skont il-każ partikolari (l-interessi kummerċjali inkwistjoni, minn naħa, u l-protezzjoni tal-ambjent, min-naħa l-oħra)?"

**Fuq id-domandi preliminari**

26 Il-qorti tar-rinviju titlaq mill-premessa li l-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 1013/2006 jeħtieġ bħala prinċipju li l-persuna li torganizza vjeġġ ta' skart li jaqa' taħt din id-dispożizzjoni timla d-dokument tal-vjeġġ kollu kemm hu u tibagħtu lid-destinatajru tal-vjeġġ għall-firma u sabiex iżommu. Dan ir-rekwiżit jimplika l-iżvelar tal-identità tal-produttur tal-iskart lid-destinatarju tal-vjeġġ, flimkien mal-konsegwenzi potenzjalment dannużi għal negozjant intermedjarju fis-sitwazzjoni ta' Interseroh bħal dawk deskritti fil-punti 20 u 21 ta' din is-sentenza.

27 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi f'dawn iċ-ċirkustanzi jekk negozjant intermedjarju bħar-rikorrenti, meta jorganizza vjeġġ ta' skart, jistax validament jibbaża ruħu kemm fuq l-Artikolu 18(4) tar-Regolament Nru 1013/2006, li jippermetti trattament kunfidenzjali tad-data f'ċerti ċirkustanzi, jew, alternattivament, fuq prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni bħall-prinċipju ta' protezzjoni tas-sigriet kummerċjali, sabiex jiġi evitat l-iżvelar tal-identità tal-produttur tal-iskart lid-destinatarju tal-vjeġġ permezz tad-dokument ta' vjeġġ.

28 Mit-talba għal deċiżjoni preliminari kif ukoll mill-osservazzjonijiet ippreżentati mill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-vjeġġ kollu inkwistjoni fil-kawża prinċipali jikkonċerna materja prima bħal metall ta' kwalitajiet differenti li jinxtraw u jinbigħu mill-intermedjarju u li jikkostitwixxu skart li jaqa' taħt il-lista "aħdar [ħadra]" li tikkonċerna skart mhux perikoluż.

*Fuq l-ewwel, it-tielet u r-raba' domandi*

29 Permezz tal-ewwel, it-tielet u r-raba' domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 18(4) tar-Regolament Nru 1013/2006 għandux jiġi interpretat fis-sens li jippermetti negozjant intermedjarju li jorganizza vjeġġ ta' skart li ma jiżvelax l-identità tal-produttur tal-iskart lid-destinatarju tal-vjeġġ fejn dan in-nuqqas ta' żvelar ikun neċessarju għall-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tal-intermedjarju.

30 L-Artikolu 18(4) tar-Regolament Nru 1013/2006 jipprovdi li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, jiġifieri l-informazzjoni li tinsab fid-dokument ta' vjeġġ, għandha tkun suġġetta għal trattament kunfidenzjali meta dan ikun meħtieġ.

31 Rigward l-identità tal-persuni li jistgħu jkunu marbuta bl-obbligi ta' kunfidenzjalità li jirreferi għalihom l-Artikolu 18(4) tar-Regolament Nru 1013/2006, minn interpretazzjoni litterali u sistematika tal-imsemmija dispożizzjoni jirriżulta li l-obbligi ta' kunfidenzjalità li għalihom tirreferi din id-dispożizzjoni jistgħu japplikaw għal kull persuna li għandha l-informazzjoni kkonċernata, li tinkludi kemm l-awtoritajiet ta' spedizzjoni u ta' destinazzjoni kif ukoll il-persuni kollha fiżiċi u ġuridiċi li jipparteċipaw fil-vjeġġ ta' skart.

32 Fil-fatt, il-kliem tal-Artikolu 18(4) tar-Regolament Nru 1013/2006 ma jagħmilx distinzjoni bejn il-persuni li jista' jkollhom l-informazzjoni kkonċernata u b'mod partikolari ma jirreferix għall-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1013/2006, li jikkonċerna speċifikament l-awtoritajiet pubbliċi.

33 Madankollu, mill-Artikolu 1013/2006 huwa dedott ukoll li l-obbligi ta' kunfidenzjalità li jirreferi għalihom l-paragrafu 4 ta' dan l-artikolu ma jistgħux jipprekludu t-trażmissjoni, bejn l-impriżi parteċipanti għall-operazzjoni, ta' informazzjoni msemmija fl-Anness VII ta' dan ir-regolament.

34 Minn naħa, l-Artikolu 18(1)(a) tar-Regolament Nru 1013/2006 jipprovdi li r-redazzjoni ta' dokumenti ta' vjeġġ għandu jkun obbligatorjament jakkumpanja kull vjeġġ ta' skart li għalih tapplika din id-dispożizzjoni. L-organizzatur ta' dan il-vjeġġ huwa għaldaqstant meħtieġ li jimla, b'mod partikolari, it-Taqsima 6 tad-dokument ta' vjeġġ, ipprovdut fl-Anness VII tal-imsemmi regolament, li fiha għandu jsemmi l-isem tal-produttur tal-iskart.

35 Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006 jipprovdi li d-dokument ta' vjeġġ għandu jiġi ffirmat mill-organizzatur tal-vjeġġ ta' skart u d-destinatarju tal-vjeġġ ta' skart, filwaqt li l-Artikolu 20(2) ta' dan ir-regolament jeħtieġ lill-organizzatur u lid-destinatarju li jżommu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 18(1) tal-imsemmi regolament għal tal-inqas tliet snin mill-bidu tal-vjeġġ.

36 Il-konsegwenza neċessarja ta' dawn id-dispożizzjonijiet hija li d-destinatarju tal-vjeġġ jikseb l-informazzjoni kollha fid-dokument tal-vjeġġ, u għaldaqstant isir jaf b'mod partikolari bl-identità tal-produttur tal-iskart, li huwa identifikat, kif rikjest mill-Anness VII tal-istess regolament, fit-Taqsima 6 tal-imsemmi dokument.

37 Eventwali obbligu ta' trattament kunfidenzjali skont l-Artikolu 18(4) tar-Regolament Nru 1013/2006 ma jkollux effett f'dan ir-rigward peress li, kif l-Avukat Ġenerali rrileva, essenzjalment, fil-punt 50 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-ipoteżi ta' trattament kunfidenzjali tal-informazzjoni li tinsab

fid-dokument ta' vjeġġ tqum biss wara r-redazzjoni u l-komunikazzjoni tal-imsemmi dokument. L-Artikolu 18(4) tar-Regolament Nru 1013/2006 jista' japplika biss jekk l-informazzjoni tkun diġà ssemmiet fid-dokument ta' vjeġġ, skont l-Artikolu 18(1) moqri flimkien mal-Anness VII ta' dan ir-regolament.

38 Għaldaqstant, u kif jirrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 64 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-portata ta' tali obbligi ta' kunfidenzjalità hija neċessarjament limitata għall-kuntatti li għandhom il-persuni li għandhom aċċess għad-dokument ta' vjeġġ, ma' terzi involuti fil-vjeġġ, jiġifieri l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti u l-persuni li jipparteċipaw f'dan il-vjeġġ.

39 Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-kliem tal-Artikolu 18(4) tar-Regolament Nru 1013/2006 li jiddikjara espressament li l-informazzjoni msemmija fid-dokument ta' vjeġġ għandha tiġi "ttrattata bħala k[u]nfidenzjali", u ma jsemmi ebda eċċezzjoni ipotetika għall-obbligu li jiddaħħlu d-dettalji kollha meħtieġa fid-dokument ta' vjeġġ. Hija sostnuta wkoll min-nota ta' qiegħ il-paġna 3 tal-Anness VII ta' dan ir-regolament, li tenfasizza li l-informazzjoni li tikkonċerna l-produttur jew il-kollettur għandha tiġi pprovduta meta l-persuna li torganizza l-vjeġġ ma hijiex il-produttur jew il-kollettur.

40 Għaldaqstant ir-risposta għall-ewwel, it-tielet u r-raba' domandi għandha tkun li l-Artikolu 18(4) tar-Regolament Nru 1013/2006 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jippermettix lil negozjant intermedjarju li jorganizza vjeġġ ta' skart li ma jiżvelax l-identità tal-produttur tal-iskart lid-destinatarju tal-vjeġġ, kif previst fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, moqri flimkien mal-Anness VII tal-imsemmi regolament, anki jekk dan in-nuqqas ta' żvelar ikun neċessarju għall-protezzjoni tas-sigrieti kummerjali ta' dan in-negozjant intermedjarju.

*Fuq it-tieni domanda*

41 It-tieni domanda hija magħmula biss fil-każ li l-Artikolu 18(4) tar-Regolament Nru 1013/2006 ma jippermettix lil negozjant intermedjarju li jorganizza vjeġġ li jevita li jiżvela l-identità tal-produttur tal-iskart lid-destinatarju tal-vjeġġ. Il-qorti tar-rinviju tirrileva li l-Liġi fundamentali tiggarantixxi, kif kien ġie espost fil-punt 13 ta' din is-sentenza, il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali, li tkopri b'mod partikolari s-sorsi ta' provvista ta' impriża. Ma hemmx dispożizzjoni nazzjonali applikabbli li tippermetti li jiġu limitati d-drittijiet fundamentali inkwistjoni. Hija tistaqsi, f'dawn iċ-ċirkustanzi, jekk is-sigrieti kummerċjali jibbenefikawx minn protezzjoni fid-dritt primarju tal-Unjoni li jillimta l-portata tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 1013/2006.

42 Konsegwentement għandu jinftiehem li, bid-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 1013/2006 għandux jiġi interpretat fis-sens li jobbliga, fil-kuntest ta' vjeġġ ta' skart li jaqa' taħt din id-dispożizzjoni, negozjant intermedjarju li jimla t-Taqsima 6 tad-dokument ta' vjeġġ u li jgħaddih lid-destinatajru, mingħajr ma l-portata ta' dan l-obbligu tista' tiġi limitata minn dritt għall-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali.

43 F'dan ir-rigward, l-Artikoli 15(1), 16 u 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jipprovdu d-dritt għal xogħol u li twettaq xogħol magħżul jew aċċettat liberament, il-libertà ta' impriża u d-dritt ta' proprjetà, rispettivament. Barra minn hekk, kemm il-libertà tal-eżerċizzju ta' attività professjonali kif ukoll id-dritt ta' proprjetà jifformaw, skont ġurisprudenza stabbilita, parti mill-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni (ara s-sentenzi tal-5 ta' Ottubru 1994, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-280/93, Ġabra p. I-4973, punt 78; tal-10 ta' Lulju 2003, Booker Aquaculture u Hydro Seafood, C-20/00 u C-64/00, Ġabra p. I-7411, punt 68; tat-12 ta' Lulju 2005, Alliance for Natural Health *et*, C-154/04 u C-155/04, Ġabra p. I-6451, punt 126, kif ukoll tas-6 ta' Diċembru 2005, ABNA *et*, C-453/03, C-11/04, C-12/04 u C-194/04, Ġabra p. I-10423, punt 87). Barra minn hekk,

il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tikkostitwixxi, kif jirriżulta wkoll minn ġurisprudenza stabbilita, prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni (ara s-sentenza tal-14 ta' Frar 2008, Varec, C-450/06, Ġabra p. I-581, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 Madankollu għandu jiġi rrilevat li, anki jekk l-obbligu li tiġi żvelata l-identità tal-produttur tal-iskart lid-destinatarju ta' vjeġġ ta' skart jikkostitwixxi ksur tal-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tan-negozjanti intermedjarji, il-konsegwenza ta' tali konstatazzjoni ma tistax tillimita l-portata ta' dispożizzjoni tad-dritt sekondarju li hija ċara u inkundizzjonali.

45 Kif kien ġie espost fil-punti 33 sa 40 ta' din is-sentenza, il-mekkaniżmu ta' proċess ta' rekord previst fl-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1013/2006 neċessarjament ifisser li d-destinatarju tal-vjeġġ isir jaf bl-identità tal-produttur tal-iskart, u l-ebda deroga ma tista' tiġi dedotta mit-test ta' dan ir-regolament.

46 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ksur inġustifikat tal-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali, jekk jista' jiġi stabbilit, ma jkunx ta' natura li jillimita l-portata tal-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1013/2006, iżda li jqiegħed inkwistjoni l-validità ta' din id-dispożizzjoni. Il-qorti nazzjonali ma staqsitx lill-Qorti tal-Ġustizzja rigward il-validità tal-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1013/2006, u lanqas esprimiet dubju f'dan ir-rigward, u l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex fatti suffiċjenti sabiex tkun tista' tevalwa l-validità tal-imsemmija dispożizzjoni.

47 Għaldaqstant ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 1013/2006 għandu jiġi interpretat fis-sens li jobbliga, fil-kuntest ta' vjeġġ ta' skart li jaqa' taħt din id-dispożizzjoni, negozjant intermedjarju li jimla t-Taqsima 6 tad-dokument ta' vjeġġ u li jgħaddih lid-destinatarju, mingħajr ma l-portata ta' dan l-obbligu tista' tiġi limitata minn dritt għall-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali.

**Fuq l-ispejjeż**

48 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 18(4) tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-14 ta' Ġunju 2006, dwar vjeġġi ta' skart, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 308/2009, tal-15 ta' April 2009, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jippermettix lil negozjant intermedjarju li jorganizza vjeġġ ta' skart li ma jiżvelax l-identità tal-produttur tal-iskart lid-destinatarju tal-vjeġġ, kif previst fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, moqri flimkien mal-Anness VII tal-imsemmi regolament, anki jekk dan in-nuqqas ta' żvelar ikun neċessarju għall-protezzjoni tas-sigrieti kummerjali ta' dan in-negozjant intermedjarju.**

2) **L-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 1013/2006, kif emendat bir-Regolament Nru 308/2009, għandu tiġi interpretata fis-sens li jobbliga, fil-kuntest ta' vjeġġ ta' skart li jaqa' taħt din id-dispożizzjoni, negozjant intermedjarju li jimla t-Taqsima 6 tad-dokument li jinsab fl-Anness VII tar-Regolament Nru 1013/2006, kif emendat bir-Regolament Nru 308/2009, u li jgħaddih lid-destinatarju, mingħajr ma l-portata ta' dan l-obbligu tista' tiġi limitata minn dritt għall-protezzjoni tas-sigrieti kummerjali.**

Firem